Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 56

Data tal-laqgħa: 31 ta' Jannar 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt - Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

## ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 56.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija

56.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġija.

## 56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

56.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta’ Laqgħa Nru. 55 u tal-Laqgħa tal-Lokalità Nru. 5. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

56.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati.

## 56.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

56.3.1 <u>Para 5.3.2 - Triq il-Kannizzata</u>
Is-SE infurmat li ġew irranġati r-*road markings* biex tħalla l-1m dyl fil-ġnub ta’ garaxx ta’ dar 83.

**F’dan il-ħin (4.10pm) daħlet il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa għal-laqgħa.**

56.3.2 <u>Para 5.3.3 - Triq l-Annunzjata</u>
Is-SE infurmat li sar *refresh* tar-*road markings* tat-triq.

56.3.3 <u>Para 5.3.5 - Bozoz ma jixgħelux f’Wied Ħal Balzan</u>
Is-Sindku infura li l-bozza ta’ fuq *St George’s Store* għadha mhix tixgħel. Se nibgħatu *reminder* lill-Enemalta biex jikkonnektjawha.

56.3.4 <u>Para 55.3.2 – GoTo *reserved parking bays*</u>
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew direzzjoni minn TM.

56.3.5 <u>Para 55.3.3 – Kwotazzjonijiet għax-xiri ta’ *power wash*</u>
Is-SE infurmat skond is-*suppliers,* il-*power wash* ikollha bżonn tank tal-ilma ta’ madwar 1,000ltr biex taħdem. Se niċċekkjaw ma’ Kunsilli oħra biex naraw x’azzjoni qed jieħdu fuq il-problema tal-ħamiem.

**F’dan il-ħin (4.15pm) daħal il-Kunsillier Andrè Grech għal-laqgħa.**

56.3.6 <u>Para 55.3.5 - Taxi stand quddiem il-Corinthia</u>
Is-SE infurmat li għadna mingħajr risposta.

56.3.7 <u>Para 55.3.7 - Dawl fi Triq B. Bontadini</u>
Is-SE infurmat li l-bozza l-ġdida twaħħlet u applikajna mal-Enemalta biex iqabbduha.

56.3.8 <u>Para 55.3.8 - *Reverse Vending Machines*</u>
Is-SE infurmat li ntbagħtu diversi *reminders* lill-BCRS u bqajna mingħajr tweġiba.

56.3.9 <u>Para 55.3.10 - *E-scooter parking*</u>
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew il-permess minn TM.

## 56.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

56.4.1.1 <u>*Traffic Management* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>

Is-Sindku infurma li l-konsultent (Reġjun Tramuntana) li qed jagħmel l-istudju ħejja *survey* għar-residenti. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jiġi mtella' fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill.

56.4.1.2 Il-Kunsillier Andrè Grech irrimarka li ħafna nies li jużaw din it-triq m'humiex minn Ħal Balzan, u għalhekk dan is-*survey* m'hux se jkun qed jagħti stampa ċara. Ġie ssuġġerit li Triq il-Ferrovija l-Qadima ssir *one-way* naħa u Triq l-Imdina ssir *one-way* in-naħa l-oħra, b'perjodu ta' prova biex naraw x'rispons ikun hemm.

56.4.1.3 Kien hemm qbil li ssir laqgħa mat-*Traffic Management Consultant* tar-Reġjun biex tiġi studjata din il-possibilità. Din il-kwistjoni tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

56.4.2 <u>Skart kummerċjali</u>

Is-Sindku infurma li għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar il-kwistjoni tal-iskart kummerċjali, l-AKL u d-Dipartimet, sabiex jiġi definit x'inhu skart kummerċjali u skart domestiku.

56.4.3.1 <u>*Speed tables*</u>

Wara inċidenti riċenti fejn ittajjru żewġ persuni, waħda fil-pjazza u oħra fi Triq Idmejda, is-Sindku ppropona li jsiru *speed tables,* u jsirilhom xi tip ta' kanal fin-nofs biex jgħaddi l-ilma. Dawn suppost jagħmlu inqas storbju minn *sleeping policemen* komuni u għalhekk mhux ser joħolqu inkonvenjent.

1. Fi Triq Ġużè' Bonnici (fuq l-istop, k/m l-Għassa);
2. Quddiem il-Bus Stop tal-pjazza (fuq l-istop); u
3. Fi Triq il-Kbira (quddiem Balzan FC).

56.4.3.2 Il-Kunsilliera kollha, b'eċċezzjoni ta' Stephen Gatt, qablu ma' din il-proposta. Se napplikaw ma' TM.

56.4.3.3 Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano qal li għandha ssir kampanja edukattiva fuq *jaywalking* għax din hija wkoll problema. Il-Kunsill qabel u l-Kunsillier De Gaetano se jkun qed iħejji fuljett biex jitqassam lir-residenti.

56.4.4 <u>*Used Oil Recycled Project*</u>

Kumpanija qed titlob sabiex jitpoġġa kontenitur biex ir-residenti jkunu jistgħu jiddisponu minn żejt domestiku wżat. Qabel ma tittieħed deċiżjoni, il-Kunsill se jiltaqa' mal-kumpanija sabiex jipprovdu aktar informazzjoni.

56.4.5 <u>Laqgħa mal-GO plc</u>

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-GO plc dwar l-installazzjoni tal-*fibre network*. Huma qed jitolbu lill-Kunsill biex itella *poster* fuq il-paġna ta' Facebook. Il-Kunsill ma qabilx.

## 56.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

56.5.1 Il-Kunsillier Andrè Grech staqsa dwar jekk nistgħux intellgħu *post* kuljum, fuq il-paġna ta' Facebook, biex infakkru lir-residenti liema borża jkun imiss li tinġabar. Is-Sindku qal li se għalissa se jibqa' jtella' *post* kuljum. Is-Sindku infurma li l-*community police* jistgħu jagħmlu *enforcement* fuq boroż maħruġin mhux skond l-iskeda.

## 56.6 Rapporti

56.6.1 L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti biex jippreżenta d-dokumenti u jagħti xi spjegazzjonijiet u jirrispondi xi mistoqsijiet li jkollhom il-Kunsilliera.

56.6.2.1 <u>Estimi Finanzjarji 2023</u>

L-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023, kif approvati fl-aħħar laqgħa, ġew ippreżentati lill-Kunsill fil-*format* skont ir-regolamenti finanzjarji. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet.

56.6.3.1 <u>Pjan ta' Ħidma 2023-2027</u>

Il-Pjan ta' Ħidma 2023-2027 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

56.6.4.1 <u>Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart minn Jannar sa Diċembru 2022</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Diċembru 2022. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

56.6.5.1 <u>Rapport Finanzjarju għas-sena 2022</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2022. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet u irrisponda xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera.

56.6.6 Fuq proposta tal-Kunsillier Andrè Grech, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Mary Louise Briffa, dawn ir-rapporti ġew approvati unanimament.

**F'dan il-ħin (5.05pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ħames (5) minuti.**

## 56.7 *Performance Bonus* għas-sena 2022 lis-Segretarju Eżekuttiv u l-Ħaddiema Klerikali

56.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-*performance* għas-sena 2022 tas-SE u l-ħaddiema klerikali. Is-SE irrakkomandat li, l-Assistent Prinċipal u l-iskrivana *full-time* jingħataw il-massimu ta' 6%, filwaqt li l-iskrivana *part-time* ma tingħatax *bonus* peress li fiż-żmien qasir li ħadmet fl-opinjoni tagħha ma kellhiex *performance* sodisfaċenti. Apparti minn hekk, is-SE ma rċeviet l-ebda rispons mingħandha dwar ir-rapport li ħejjiet.

56.7.2 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-Assistent Prinċipal. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 6% tas-salarju.

56.7.3 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-iskrivana *full-time*. Il-Kunsill ma qabilx li għandha tingħata l-massimu peress li kellu numru ta' ilmenti mir-residenti dwar l-attitudni tagħha, u għalhekk unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 3% tas-salarju.

56.7.4 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-iskrivana *part-time* (li rriżenjat wara tliet xhur). Il-Kunsill unanimament approva li ma tingħatax *performance bonus.*

56.7.5 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-SE li kien preparat mis-Sindku li ppropona li tingħata l-massimu ta' 10%. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 10% tas-salarju.

56.7.6 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tad-Deputat SE li kien preparat mis-Sindku li ppropona li jingħata l-massimu ta' 10%. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 10% tas-salarju.

## 56.8 Vakanza ta' Skrivani (Skala 15)

56.8.1 Dwar l-impjieg ta' Jessica Cachia, is-Sindku infurma li wara li kkonfermat li se taċċetta l-impjieg u kienet se tibda fil-bidu tas-sena, kienet irrifjutat il-kariga wara li rat il-kuntratt tax-xogħol.

56.8.2 Apparti minn hekk, is-Sindku infurma li sfortunatament l-impjieg ta' Stephania Sparkes kellu jiġi terminat peress li Jobsplus irrifjutaw li jirreġistrawha għax ma kellhiex ir-rekwiżiti mitluba fis-sejħa. Is-Sindku qal li mill-ftit li ħadmet, kellhu *feedback* pożittiva ħafna fuqha. Is-SE ikkonfermat li Stephania tat *performance* tajba ħafna.

56.8.3 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament approva biex nitolbu lid-DGL biex jinħareġ il-permess biex immedjatament jerġa' jibda l-proċess għall-ingaġġ ta' żewġ skrivani (skala 15) (waħda minnhom *back-to-back*).

## 56.9 Skemi Finanzjarji

56.9.1 <u>Applikazzjonijiet mhux approvati</u>
Is-SE infurmat li dawn l-applikazzjonijiet ma ġewx approvati:

- Skema maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża - Proġetti Sostenibbli;
- Skema maħruġa mill-LESA – Proġetti fil-Komunitajiet; u

- Skema maħruġa mill-MDIA – *Innovative Technology in Local Communities.*

56.9.2 <u>Għajnuna Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – Tqassim tal-iskeda l-ġdida tal-ġbir ta' skart</u>
Is-SE infurmat li l-Kunsill ser ikun qed jibbenifika minn €500 għall-spejjeż relatati ma' stampar u distribuzzjoni tal-iskeda l-ġdida tal-ġbir ta' skart.

56.9.3 <u>Għajnuna Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – *Animal Welfare Projects Scheme* 2023</u>
Ġiet innutata Skema Finanzjarja maħruġa mir-Reġjun Tramuntana. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw biex isir programm ta' neutering.

## 56.10 Għalqa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina

56.10.1 Is-Sindku nfurma li l-Perit kien bagħat l-istima tal-proġett tal-*Environmentally Friendly Car Park* li qed jiġi ppjanat għall-għalqa li hemm f' Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina. Il-proġett qed jiġi stmat li jiswa madwar €1.7M.

56.10.2 Is-Sindku ppropona li napplikaw għall-iskema finanzjarja '*Community Greening Grant'* għax ovvjament il-Kunsill m'għandux biex jiffinanzja din l-ispiża. Il-Kunsill unanimament approva. Ir-Reġjun se jkun qed jgħid fl-applikazzjoni.

56.10.3 Il-Kunsill unanimament approva li nitolbu mill-ġdid għad-devoluzzjoni tal-għalqa biex ikun jista' jsir dan il-proġett, dejjem jekk tiġi approvata l-applikazzjoni għall-fondi.

## 56.11 Bankina fi Triq San Franġisk

56.11.1 Is-SE infurmat li TM qed jinfurmaw li mhux qed jaraw lit-talba tagħna vijabbli minħabba diversi raġunijiet, għalhekk qed jitolbu *layout plan* b'numru ta' dettalji, biex ikunu f'pożizzjoni ċara jevalwaw it-talba.

56.11.2 Il-perit tal-Kunsill infurmana li qabel ma ssir il-pjanta, l-ewwel irid isir *survey* tat-triq, li jammonta għal €944.

56.11.3 Il-Kunsill iddiskuta u rrimarka li din spiża kbira fuq kwistjoni daqshekk sempliċi, u għalhekk kien hemm qbil li nitolbu li ssir laqgħa ma' TM.

## 56.12 Dawl fil-*playing field*

56.12.1 Is-Sindku infurma lid-dawl tal-gazebo mhux jixgħel. Se ninfurmaw lit-*technician* biex jiċċekkja. Is-Sindku talab ukoll biex niċċekkjaw jekk jistax jiżdied id-dawl fiż-żona tal-gazebo.

## 56.13 Jum San Valentinu

56.13.1 Is-Sindku, flimkien mal-Viċi Sindku aġġornaw lill-Kunsill dwar l-attività li se ssir il-Ħadd 12 ta' Frar 2023 mis-6.30pm il'quddiem, fis-Sala Aurora. Din l-attività se ssir b'għajnuna finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana.

**F'dan il-ħin (5.55pm) il-Kunsillier Andrè Grech talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

## 56.14 *Community Police*

56.4.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill b'*post* li ġie mtella fuq il-paġna tal-*Community Police,* fejn kienu qed jinfurmaw li hemm persuna assenjata fuq Ħal Lija, oħra fuq l'Iklin u oħra bejn Ħ'Attard u Ħal Balzan. Is-Sindku qal li dwar dan tkellem mat-*Team Manager* tal-*area* u mas-Sindki ta' dawn il-lokalitajiet.

56.4.2 Is-Sindku qed jissuġġerixxi li, flimkien mas-Sindku ta' Ħ'Attard niktbu lill-Kummissarju biex nitolbu li kull lokalità għandha jkollha persuna assenjata, għax huwa impossibbli li persuna waħda tlaħħaq ma' żewġ lokalitajiet. Il-Kunsill approva.

56.4.3.1 Is-Sindku infurma wkoll li kellu l-laqgħa a' kull xahar mat-*Team Manager,* fejn ġiet infurmata bil-problemi tal-lokalità. Is-Sindku qal ukoll li qed tinsisti li l-bankina l-kbira tal-Pjazza (quddiem Kola) tiċkien biex tiżdied il-viżibilità tat-traffiku.

56.4.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u ġie rrimarkat li bil-bankina u mingħajrha l-viżibilità l-istess se tibqa'. Is-SE infurmat li għadhom kif waslu l-*bollards* li ġew approvati minn TM. Kien hemm qbil li jeħlu, u naraw kif immorru.

56.4.4 Apparti minn hekk, is-Sindku infurma lit-*Team Manager* qed titlob liż-*zebra cross* ta' Triq Ġuże' Bonnici tersaq aktar lejn il-Pjazza. Ġie rrimarkat li din it-talba ma kienitx ġiet approvata minn TM, għax tkun viċin kantuniera.

## 56.15 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

56.15.1.1 Kwotazzjoni biex tiġi rilokata siġra

Is-SE infurmat li resident se jneħħi siġra taż-żebbuġ fil-*front garden* u staqsa lill-Kunsill jekk hux interessat li jħawwilha x'imkien fil-lokalità. Is-SE ġabet kwotazzjoni li tammonta għal €590, biex din tiġi rilokata. Kien hemm qbil li nġiebu kwotazzjonijiet oħra.

56.15.2.1 Kwotazzjoni għax-xiri ta' qsari

Is-SE ressqet kwotazzjoni li tammonta għal €472, għax-xiri ta' 16 -il qasrija biex jitpoġġew tul iċ-ċint tal-*playing field*. Il-Kunsill unanimament approva.

56.15.2.2 Se jiġi ikkuntattjat resident, li għandu xi ħamrija u li offriha lill-Kunsill.

56.15.3 Kwotazzjoni – *Bulky Refuse App*

Is-SE ressqet kwotazzjoni li tammonta għal €2,400 fis-sena, għal *Bulky Refuse App.* Din l-*app* tintuża mill-i*staff* biex jirreġistraw *bookings* tal-*Bulky Refuse*. Il-kwotazzjoni ma ġietx approvata.

56.15.4 *Bring-in-Sites*

Is-SE infurmat li l-GreenPak m'approvawx li jifirdu l-konterrituri li hemm f'Wesgħa Profs. Aquilina, biex jiġu żewġ siti. Il-Kunsill irrimarka li dak l-unika post li se jaċċetta li jsiru B-I-S. L-ERA se jiġu nfurmati b'dan, biex jiddiskutuwha bejniethom.

56.15.5 *Crash Barrier* fi Triq Birbal k/m Triq San Franġisk

Is-SE infurmat li TM m'approvawx it-talba tal-Kunsill biex issir il-*crash barrier* għax il-bankina m'hiex wiesgħa biżżejjed.

56.15.6.1 *Zebra Crossings* f'Wied Ħal Balzan

Is-SE infurmat li TM m'approvawx it-talba tal-Kunsill biex isiru żewġ *zebra crossings* u qed jinfurmaw lill-Kunsill biex isib post alternattiv.

56.15.6.2 Il-Kunsill iddiskuta u fit-triq m'hemmx postijiet alternattivi li ma jiġux quddiem garaxx jew viċin kantuniera. Kien hemm qbil li niktbu lill-TM fejn ninfurmawhom li se nħalluhom responsabbli għal kull inċidenti li se jinqala' u li l-Kunsill se jippubblika avviż għal fatt li mhux qed jaċċettaw minkejja li kien hemm talba ripetuta min-naħa tan-nies.

56.15.7.1 Triq iz-Zekkuk

Resident qed jitlob li titneħħa *parking bay* li hemm faċċata tal-garaxx tiegħu għax qed jgħid li qed isibha diffiċli biex jimmanuvra l-karozza. Qed jinfurma li jekk ma titneħħiex, ser japplika għall-*Personalised Reserved Parking Bay.* Is-SE infurmat li minn spezzjoni li saret, ġie kkonfermat li hemm spazju biżżejjed biex jidħol u joħroġ mill-garaxx. F'dan ir-rigward, il-Kunsill m'approvax li titneħħa l-*parking bay*.

56.15.7.2 Apparti minn hekk, ir-resident qed jitlob li ssir *traffic mirror* faċċata tal-garaxx, bħal ma' saret lil tal-garaxx ta' maġenbu. Ġie rrimarkat li dik il-mera kienet saret mill-Kunsill, minħabba s-*safety* tal-*pedestrians.*

56.15.8 *Dog bin* fi Triq l-Annunzjata

Resident qed jitlob li d-*dog bin* jiġi rilokat għall-post ieħor, għax fejn qiegħed se jiġi quddiem l-entratura prinċipali, wara li jitlesta x-xogħol strutturali fil-proprjetà. Il-Kunsill qabel li jiġi rilokat għal kif iddur fi Triq Wigi Ebejer, kif taqbeż iż-żewġ *parking bays*, fuq in-naħa tal-lemin.

56.15.9 Bankina fi Triq il-Kbira

Resident qed jilmenta li mhux qed jitħalla aċċess adegwat, fuq il-bankina ta' quddiem *Smugglers' Pub.* Sid il-ħanut se jiġi nfurmat bl-obbligu li jrid iħalli aċċess ta' 1.2m għall-*pedestrians*. Apparti minn hekk, ir-resident qed jitlob li tiġi rilokata ċ-*charging pillar* li hemm fl-istess żona, issa li GoTo spiċċaw. Ġie rrimarkat li TM diġà ġew infurmati b'dan.

## 56.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

56.16.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 01/23, li tinkludi l-ammont ta' €53.52c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Diċembru 2022.

56.16.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

56.16.3 Minħabba kunflitt ta' interess dirett, il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa assentat ruħha mill-approvazzjoni ta' pagament nru. 47 (transazzjoni nru. 25/23) u ta' pagament nru. 79 (transazzjoni nru. 41/23).

## 56.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

56.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.42pm.

56.17.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 21 ta' Frar 2023 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 21 ta' Frar 2023.

IFFIRMATA

Dr Angelo Micallef
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv